MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Appell Civili Numru. 62/2011

**MEPA 36/07 CF - PA 4247/05**

**Francis Bonnici li fil-mori gie nieqes u ghalhekk qed jassumu l-atti l-armla tieghu Mary Josephine Bonnici ID 337881(M) John Bonnici ID 337681(M), Anne Attard mart Victor ID 337981 (M), u Carmen Bonnici ID 337781(M) f'isimha propju u ghan-nom tal-imsiefer huha Saviour *sive* Sammy Bonnici**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ir-rikors tal-appell tal-istess Mary Bonnici u uliedha John Bonnici, Anne Attard mart Victor u Carmen Bonnici f'isimha propju u ghan-nom tal-imsiefer huha Saviour sive

Sammy Bonnici datat 6 ta' Dicembru 2011 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi b'decizjoni tad-29 ta' Novembru, 2011 tat-**Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar** l-appell taghhom gie michud u dan fuq il-bazi illi kienet applikabbli ic-cirkolari PA 2 tal-1996 u ghal din ir-raguni t-Tribunal cahad l-appell u kkonferma r-rifjut tal-applikazzjoni PA 4247/05 mahrug mill-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp fid-19 ta' Dicembru, 2006.

Illi huma hassewhom aggravati mill-imsemmija sentenza u ghalhekk qed jinterponu appell minnha lil din l-Onorabbli Qorti.

L-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f'dan li gej.

Kif jirrizulta mill-istess sentenza, kollox jiddependi fuq ir-ratio ta' cirkulari 2 tal-1996.

Ic-cirkolari ma tohrogx mil-ligi.

Skont il-ligi attwali tal-lum u kwalunkwe regolament irid fl-ewwel lok jigi approvat mill-Ministru. Il-poteri illi jsiru regolamenti huma previsti mil-ligi, mill-**Kap 504 mill-Artikolu 60 sa 64.** Huwa manifest illi dak illi jorbot huwa l-ligi maghrufa u li tkun pubblikata. Cirkolari interna jew li ma tkunx dehret fil-gazzetta tal-Gvern ma jistax ikollha l-forza ta' ligi u mbaghad sahansittra Tribunal japplikaha ghaliex hargitha l-MEPA stess.

Fl-ewwel lok irid ikun hemm *il-vires* biex tohrog cirkolari (sic). Barra minn hekk, trid tigi segwita l-procedura tal-pubblikazzjoni halli l-ligi mhux biss tkun inkitbet imma jkun mgharraf biha kulhadd.

Il-pubblikazzjoni ma tridx issir f'xi gazzetta lokali jew fuq l-internet, imma trid issir fil-gazzetta tal-Gvern bhala l-organu ufficjali tal-amministrazzjoni ta' Malta. Jidher illi l-pozizzjoni m'hijiex differenti taht id-**Development Planning Act Kap 356 tal-ligijiet ta' Malta.**

Ghaldaqstant huwa punt ta’ ligi illi l-Bord applika f’dan il-kaz u jidher illi hija r-raguni fondamentali c-cirkolari minnu citata minghajr din ma kienet marbuta ma’ poteri legislattivi sussidjarji u minghajr ma giet segwita l-procedura prevista mill-ligi.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka d-decizjoni moghtija mit-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar fid-29 ta’ Novembru, 2011 ghar-ragunijiet premessi u bl-ispejjez kontra l-Awtorita` appellata.

Rat li dan l-appell kien appuntat ghas-smigh ghas-seduta tal-ewwel (1) ta’ Marzu 2012.

Rat in-nota tas-Segretarja tat-Tribunal tal-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar datata 27 ta’ Jannar 2012 a fol 6 tal-process, fejn permezz taghha esebiet vera kopja tal-*file* tat-Tribunal ta’ Revizjoni dwar l-Ambjent tal-Appell fl-ismijiet “**Francis Bonnici vs Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**” deciz mit-Tribunal.

Rat ir-risposta tal-Awtorita` ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 29 ta’ Frar 2012 a fol 7 fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament l-appell odjern interpost mill-applikant quddiem dina l-Onorabbli Qorti huwa null *stante* li mhuwiex qed isir minn *“punti ta’ ligi decizi mit-Tribunal”* a tenur ta’ l-**artikolu 41(6) tal-Kap. 504** tal-Ligijiet ta’ Malta. L-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell mhijiex it-tielet istanza fejn tista’ tigi kontestata kwalunkwe decizjoni tat-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar, izda jista’ jsir appell ristrett biss dwar punt ta’ ligi li jkun gie deciz mill-istess Tribunal.

Kif kien konfermat b’mod kostanti mill-gurisprudenza ta’ din l-Onorabbli Qorti (cf **“Dr. Alfred Grech vs Awtorita’ ta’ l-Ippjanar”** – sentenza tal-31 ta’ Mejju 1996 – Appell Nru. 93/94), huwa t-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar biss li ghandu d-diskrezzjoni sabiex jinterpreta tali legislazzjoni, u din l-

interpretazzjoni ma tistghax tigi riveduta minn organu gudizzjarju iehor. Altrimenti dina l-Onorabbli Qorti tkun qeghda tissostitwixxi d-diskrezzjoni tat-Tribunal u b'hekk tagixxi ta' tribunal tat-tielet istanza. Kulma ghamel it-Tribunal kien li applika dispozizzjoni tar-regolamenti ghal-kaz in dizamina, u bl-ebda mod ma ddecieda xi punt ta' ligi dwar dan ir-regolament li dwaru kienet qamet xi kontroversja quddiem it-Tribunal.

Fil-fatt dina l-Onorabbli Qorti, fis-sentenza **"Emanuel Mifsud vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (Decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996), spjegat li:-

*"Din il-Qorti tista' tirrevedi biss kwistjonjiet dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi ….. Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata".*

2. Illi in oltre fil-kaz in dizamina japplikaw il-principji enunzjati fil-kawza fl-ismijiet **"Angelo Farrugia vs Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (Decizjoni tal-24 ta' April 1996) fejn l-aggravju ta' l-appellant kien li l-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar kien interpreta b'mod skorrett il-Pjan ta' Struttura u naqas milli japplika certu dispozizzjonijiet li l-appellant hass li kellhom jigu applikati.

L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, f'dan l-istess kaz, kienet qalet hekk:-

*"Tali nterpretazzjoni ….. hija esklussivament fil-mansjoni ta' l-ezercizzju tal-poteri ta' l-organi ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar u l-ahhar arbitru dwarhom hu finalment il-Bord ta' l-Appell u mhux din il-Qorti. Altrimenti, din il-Qorti tkun qieghda tissostitwixxi l-gudizzju taghha f'materja teknika li tispetta biss skond il-ligi lit-Tribunal Specjali mwaqqaf b'ligi biex jiddetermina materji ta' din ix-xorta".*

Fil-fatt l-appellant fl-aggravju tieghu ma jqajjem l'ebda punt ta' ligi li gie deciz fis-sentenza tat-Tribunal.

3. Illi l-aggravju mressaq mill-appellant huwa li s-*Circulars* 2/96 u 2/98 m'ghandhomx valur ta' ligi u li l-Awtorita' ma hix awtorizzata li tirregola tali zvilupp permezz ta' dik il-procedura. Jigi umilment sottomess li dina l-Onorabbli Qorti fil-vesti taghha ta' Qorti ta' l-Appell minn decizjonijiet tat-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar m'ghandhiex gurisdizzjoni biex tiddeciedi dwar il-validita' legali ta' dawn is-Circulars, u jekk l-applikant irid jikkontesta l-legalita' ta' dawn is-*Circulars* ghandu jaghmel dan mod iehor.

4. Illi *in oltre,* minghajr pregudizzju ghas-suespost, dawn is-*Circulars* ghandhom validita' legali u dan johrog mill-**Artikolu 8 ta' l-Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ta' l-Izvilupp** li jistipula li *'L-Awtorità għandha tkun il-mezz principali li bih il-Gvern jimplimenta dmirijietu taħt dan l-Att'* u ghandha tkun responsabbli, *inter alia,* ghal

*4 (b) preparazzjoni tal-pjanijiet u l-policies inkluz kull kwistjoni oħra ancillari, incidentali jew li jwasslu għalihom, u l-aggornar tagħhom wara l-approvazzjoni tagħhom skond dan l-Att …*

*(f) … pubblikazzjoni u l-aggornar, skond ma jeħtiegu c-cirkostanzi, ta' librett ufficjali li jkun fih dawk il-ħwejjeg li l-Ministru jista' jippreskrivi u li għandu jkun disponibbli għall-pubbliku*.

Illi l-istess Artikolu jkompli billi jezigi li kwalunkwe *policy* ta' l-ippjanar jew emenda f'tali *policy* ghandha tigi ppubblikata f'dan il-librett fi zmien xahar mill-approvazzjoni taghha u huwa biss minn dakinhar ta' tali publikazjoni li tiehu effett ufficjali… '***Il-librett ufficjali jista' jigi ppubblikat u aggornat f'forma elettronika jew f'kull format ieħor li l-Awtorità tista' tapprova***…' Illi, f'dan l-isfond, jirrizulta bl-aktar mod car illi l-aggravju tal-appellant huwa palesament infondat. L-appellant jilmenta illi c-cirkolari n kwistjoni m'humiex applikabbli stante illi

*'trid tigi segwita l-procedura tal-publikazzjoni…* liema publikazzjoni, skond l-appellant, *ma tridx issir f'xi gazzetta lokali jew fuq l-internet, izda* [kif jigri f'publikazzjonijiet taht ligijiet ohra] *fil-gazzetta tal-Gvern.* Illi b'kull rispett l-Aworita' appellata tissottometti illi l-argument tal-appellant huwa errat fl-inter tieghu stante illi kif jirrizulta bl-aktar mod limpidu mill-artikolu succitat, l-**Att dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Izvilupp,** jipprovdi specifikament procedura *ad hoc* rigwardanti l-publikazzjoni ta' *policies* u emendi fl-istess *policies;* liema procedura ma tinnecessitax il-publikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, izda f'librett ufficjali li jista' jigi ppublikat u aggornat f'forma elettronika jew f'kull format iehor li l-Awtorita' tista' tapprova.

Illi dawn ic-Cirkolari lill-Arkitetti, fosthom is-*Circulars* 2/96 u 2/98 jikkostitwixxu *guidelines* dwar l-interpretazzjoni ta' *policies* ta' l-Awtorita' u ghaldaqstant huma sors legali fil-qasam tal-ligijiet dwar l-ippjanar. Dan kien konfermat fis-sentenza **"John Scerri vs DCC"** (Deciza fl-24 ta' Jannar 1997 – Appell nru. 392/95 KA) fejn il-Bord ta' l-Appell, (illum it-Tribunal tar-revizjoni tal-Ambjent u L-Ippjanar), wara li kkwota diversi awturi dwar il-validita' legali ta' dawn is-*Circulars* fis-sistema legali Ngliza u anke dik Taljana, kkonkluda li tali *Circulars* jikkostitwixxu *"kunsiderazzjonijiet materjali" ai termini* ta' **l-artikolu 69 (1) ta' l-Att dwar l-Ambjent l-Ippjanar ta' l-Izvilupp'**. It-Tribunal sostna li ghalkemm dawn is-*Circulars* m'humiex ta' natura mandatorja, xorta jistghu jkunu rilevanti ghat-tehid ta' decizjonijiet.

5. Illi l-kaz in dizamina huwa simili hafna ghall-mertu fil-kaz **Charles Polidano f'isem Polidano Group vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp** (Appell Civili Numru. 7/2002/1) fejn l-appellant kien ilmenta li s-*Circulars* 2/96 u2/98 m'ghandhomx valur ta' ligi u li l-Awtorita' ma hix awtorizzata li tirregola tali zvilupp permezz ta' dik il-procedura.

L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, f'dan l-istess kaz, kienet qalet hekk:-

‘*Illi t-tieni aggravju … huwa dwar l-applikazzjoni tac-Cirkolari PA 2/96 fejn l-appellanti qed isostni li l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ma ghandux il-poter li japplika l-istess stante li tali cirkulari ma hijiex prevista taht il-**Kap 356,** izda fl-opinjoni ta’ din il-Qorti dan l-aggravju wkoll huwa manifest zbaljat u nfondat stante li ai termini tal-**artikolu 5 tal-istess Kap 356*** [illum **artikolu 8 tal-Kap 504**] *l-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar ghandha r-responsabilita’ tat:-*

*“(a) thejjija tal-pjanijiet ta’ zvilupp u policies ta’ ppjanar, inkluza kull haga ohra ancillari jew incidentali ghalihom jew li twassal ghalihom, u l-aggornar taghhom wara li dawn jigu approvati skont l-Att”;*

*“(c) il-pubblikazzjonijiet u l-aggornar, skond ma jehtiegu c-cirkostanzi, ta’ librett ufficjali li jkun fih dawn il-hwejjeg li l-Ministru jista’ jippreskrivi, u li ghandu jkun disponibbli ghall-pubbliku….”.*

*Illi fil-fatt dawn l-istess cirkolari nghataw rikonoxximent guridiku permezz ta’ s-sentenzi ta’ dawn il-Qrati fosthom dik ta’* ***“John Scerri vs Development Control Commission”*** *(A.C. 24 ta’ Jannar 1997) tant li ‘nghad li tali cirkolari jikkostitwixxu ‘konsiderazzjonijiet materjali’ skond id-dispozizzjonijiet tal-**artikolu 33 (1) tal-Kap 356** u wkoll fis-sentenzi **“Joseph Pace vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.C. 28 ta’ Jannar 1994) u **“Emanuel Grech vs Kummissjoni ghal-Kontrol ta’ l-Izvilupp”** (A.C. 28 ta’ Jannar 1995).*

Illi hawn issir referenza wkoll ghad-decizjoni ta’ din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **“Mario Gauci vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.I.C. (RCP) 24 ta’ Frar 2003 fejn inghad illi:-

*“Illi huwa veru li l-istess Bord ta’ l-Appell ghandhu d-dritt jiddeciedi fuq l-interpretazzjoni kemm tal-fatt u kemm tad-dritt, pero’ filwaqt li interpretazzjoni u apprezzament ta’ fatti ma humiex soggetti ghall-appell quddiem din il-Qorti, apprezzament tal-ligi, specjalment*

*meta applikata mill-istess Bord ta' l-Appell bhal fil-kaz odjern, hija soggetta ghall-appell skont id-dispozizzjoni specifici tal-***artikolu 15 (1) tal-Kap 356,** *u tali cirkolari huma fil-fatt regoli li jirregolaw ukoll l-hrug ta' permessi f'diversi kategoriji ta' applikazzjoni u huma ndikati u riferiti bhala 'other planning documents' minn Dr. Kevin Aquilina fil-ktieb tieghu stess* ***Development Planning Legistlation".***

Illi tant l-istess cirkolari huma skont il-ligi u l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ghandha kemm il-poter u l-obbligu li tohrog u tapplika l-istess li fl-istess sentenza nghad illi:-

*"Illi l-argument tal-appellat li peress li l-appellant mhux qed isostni li l-Bord applika c-Cirkolari 2/96 u 2/98 meta ma kellux jaghmel dan jew li naqas li jikkonsidra xi regolamenti ohrajn, izda biss li qieghed joggezzjona ghal kif il-Bord interpretahom tant li sostna li dawn il-principji ma kienux applikabbli ghall-kaz in ezami, dan ma jikkostitwiex punt ta' dritt huwa fl-opinjoni ta' din il-Qorti ghal kollox inaccettabbli stante li huwa minnu dan jigi eliminat anke l-appell lill din il-Qorti fuq punt ta' dritt, stante li li jidher car li l-ewwel aggravju tal-appellant odjern huwa purament wiehed legali, ghaliex allegatament qed jallega li l-ligi ghall kaz in ezami giet applikata hazin, stante li c-cirkolari in kwistjoni ma jghidux jew ma jipprovdux dak li l-Bord tenna li jsostnu".*

Illi l-istess decizjoni kompliet hekk:-

*"pero' jekk wiehed jidhol ghall-mertu tal-istess aggravju, hija l-opinjoni ta' din il-Qorti li l-Bord gharbel sew il-kaz li kellu quddiemu u rrefera b'mod car ghac-cirkulari u 'policies' li kienu japplikaw. Illi inoltre' jidher mill-istess sentenza li l-paragrafu 2.4 tac-cirkulari 2/98 ma jghidx biss dak li kkwota konvenjentement l-appellant. Infatti c-cirkulari tispecifika ezattament meta ghandha tapplika:-*

*"Where part(s) of a site or building is illegal, permission for new development elsewhere on the site or building should*

*not be refused solely because there are illegalities in the building when:*

*- granting permission for the new development will not physically prevent, hinder or make difficult enforcement action (removal or rectification) against the illegal parts of the building; and*

*- the application does not include the "illegal" parts; and*

*- the applicant has no control over the "illegal" part(s) and was not involved in the "illegal" development."*

Illi dan l-insenjament gie wkoll segwit fis-sentenza **"Matthew Sammut vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.I.C. (RCP) 24 ta' Marzu 2003 li ghaliha qed ssir referenza u ghalhekk jirrizulta bl-aktar mod car illi l-aggravju uniku mressaq mill-appellant huwa palesament nfondat u bla ebda fondament legali.

In vista tal-premess, l-esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gja' prodotti partikolarment id-decizjoni tat-Tribunal tar-Revizjoni tal-Ambjent u L-Ippjanar tad-29 ta' Novembru 2011, u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant, tikkonferma d-decizjoni appellata.

Bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat il-verbal tal-ewwel (1) ta' Marzu 2012 fejn meta ssejjah l-appell dehru Dr. Joseph Brincat ghall-appellanti whud minnhom prezenti, u Dr. Noel Bartolo ghall-Awtorita` appellata rapprezentata minn Ivor Robinich. Dr. Bartolo impenja ruhu jghaddi kopja tar-risposta lil Dr. Brincat illum stess. Dr. Brincat talab jipprezenta nota, u l-Qorti taghtu tletin (30) gurnata minn dan id-digriet biex jiprezenta nota ta' osservazzjonijiet bin-notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu tletin (30) gurnata ghan-nota responsiva. L-appell gie differit ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2012.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-appellanti Bonnici datata 9 ta' Marzu 2012 a fol 14 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tal-awtorita` appellata datata 10 ta' April 2012 a fol 19 tal-process.

Rat ir-replika tal-appellanti datata 2 ta' Mejju 2012 a fol 28 tal-process fejn ecceppew:

Peress li l-MEPA fir-risposta taghha ndikat x'inhuma c-cirkolarijiet 2 tal-1996 u 2 tal-1998 gew debitament ippubblikati u ghamlu riferenza ghal-link illi tezisti fil-website fejn wiehed jista jsib l-istess cirkolari, l-avukat sottoskritt jiddikjara illi huwa dahal fil-website in kwistjoni u sab dak li kien qieghed jistenna. Ic-cirkolarijiet 2 tal-1996 u 2 tal-1998 waqt li l-ewwel wahda ma ggib l-ebda firma, fit-tieni wahda ggib biss il-firma ta' Dr. Godwin Cassar, Director of Planning. Illi biex Dr. Godwin Cassar jew xi hadd anonimu seta' johrog cirkolari illi jkollha in forza ta' ligi jrid fl-ewwel lok ikollha d-delega tal-Parlament illi dan isir.

Fil-fatt ma tirrizulta l-ebda delega mill-ligi tal-MEPA la kif kienet u lanqas kif inhi llum illi taghti lid-direttur tal-planning il-poter illi jillegisla sussidjarjament wahdu. Il-ligi dejjem kienet tghid illi kwalunkwe haga illi hija vinkolata bhala sors ta' ligi ghall-MEPA trid iggib il-firma u l-approvazzjoni tal-Ministru. Meta wiehed jidhol fil-website jsib diversi proposti approvati formalment mill-MEPA u ppubblikati illi qatt ma gabu l-kunsens u l-approvazzjoni tal-Ministru u ghalhekk ma dahlux in vigore.

Ghaldaqstant il-MEPA kellha turi illi dawk ic-cirkolari illi qed tibbaza fuqhom kienu legalment u formalment legislazzjoni sussidjarja illi kien hemm poter legislattiv delegat lil min ikun ghamel tali cirkolari jew dokument u jkun segwa l-procedura tal-pubblikazzjoni.

Il-pubblikazzjoni biss minghajr il-vires ma johloqx strument li ghandu s-sahha ta' ligi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

L-aggravju tal-appellanti huwa fis-sens li t-Tribunal ma kellhux japplika c-**Cirkolari 2/96 u 2/98** u dan ghaliex l-istess ma humiex Ligi u l-istess Awtorita' ma ghandhiex l-awtorita' u l-poter li japplikaw l-istess ghaliex ma' segwewx il-Ligi.

Illi dan huwa punt ta' dritt huwa dwar l-applikazzjoni tac-Cirkolari PA 2/96 fejn l-appellanti qed isostnu li l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar ma ghandux il-poter li japplika l-istess stante li tali cirkulari ma hijiex prevista taht il-**Kap 504**, izda fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan l-aggravju wkoll huwa manifest zbaljat w infondat stante li ai termini tal-**artikolu 5 tal-Kap. 356** li kien applikabbli meta gew *in vigore* tali Cirkolari l-Awtorita' ta' l-Ippjanar ghandha r-responsabilita' ta':-

*"(a) thejjija tal-pjanijiet ta' zvilupp u policies ta' ppjanar, inkluza kull haga ohra ancillari jew incidentali ghalihom jew li twassal ghalihom, u l-aggornar taghhom wara li dawn jigu approvati skond l-Att";*

*"(c) il-pubblikazzjonijiet u l-aggornar, skond ma jehtiegu c-cirkostanzi, ta' librett ufficjali li jkun fih dawn il-hwejjeg li l-Ministru jista' jippreskrivi, u li ghandu jkun disponibbli ghall-pubbliku….".*

Illi fil-fatt dawn l-istess cirkolari nghataw rikonoxximent guridiku permezz ta' s-sentenzi ta' dawn il-Qrati fosthom dik ta' **"John Scerri vs Development Control Commission"** (A.C. 24 ta' Jannar 1997) tant *li 'nghad li tali cirkolari jikkostitwixxu 'konsiderazzjonijiet materjali' skond id-dispozizzjonijiet tal-artikolu 33 (1) tal-Kap 356 u wkoll fis-sentenzi* **"Joseph Pace vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (A.C. 28 ta' Jannar 1994) u **"Emanuel Grech vs Kummissjoni ghal-Kontrol ta' l-Izvuilup"** (A.C. 28 ta' Jannar 1995).

Illi hawn wiehed jirreferi wkoll ghad-decizjoni ta’ din il-Qorti kif presjeduta fl-ismijiet **“Mario Gauci vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.I.C. (RCP) 24 ta’ Frar 2003 fejn inghad illi:-

*“Illi huwa veru li l-istess Bord ta’ l-Appell ghandhu id-dritt jiddeciedi fuq l-interpretazzjoni kemm tal-fatt u kemm tad-dritt, pero’ fil-waqt li interpretazzjoni u apprezzament ta’ fatti ma humiex soggetti ghall-appell quddiem din il-Qorti, apprezzament tal-ligi, specjalment meta applikata mill-istess Bord ta’ l-Appell bhal fil-kaz odjern, hija soggetta ghall-appell skond id-dispozizzjoni specifici tal-artikolu 15 (1) tal-Kap 356, u tali cirkolari huma fil-fatt regoli li jirregalaw ukoll l-hrug ta’ permessi f’diversi kategoriji ta’ applikazzjoni u huma ndikati u riferiti bhala ‘other planning documents’ minn Dr. Kevin Aquilina fil-ktieb tieghu stess Development Planning Legistlation”.*

Dan gie ritenut fis-sentenzi **“Charles Polidano nomine vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.I.C. (RCP) – 26 ta’ Mejju 2003); **“John Scerri vs Development Control Commission”** (A.C. – 24 ta’ Jannar 1997); **Joseph Pace vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ L-Izvilupp”** (A.C. – 28 ta’ Jannar 1994); **“Emmanuel Grech vs Kummissjoni ghal Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.I.C. (RCP) – 24 ta’ Frar 2003).

Apparti dan jinghad li tali cirkolari dejjem taqa’ taht dawk li huma konsiderazzjonijiet materjali skont kif indikat fl-artikolu **69 (2) tal-Kap. 504** u dan anke kif indikat fis-sentenzi gja msemmija **“John Scerri vs Development Control Commission”** (A.C. – 24 ta’ Jannar 1997); **“Joseph Pace vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ L-Izvilupp”** (A.C. – 28 ta’ Jannar 1994); u **“Emmanuel Grech vs Kummissjoni ghal Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.I.C. (RCP) – 24 ta’ Frar 2003) u din il-Qorti taghmel riferenza ghall-istess.

Illi jinghad li f’dan il-kaz l-istess Cirkolari giet sew interpretata u applikata ghal *fattspecie* tal-kaz u dan skont l-insenjament kontenut fis-sentenza “**Matthew Sammut vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (A.I.C.

(RCP) 24 ta’ Marzu 2003 li ghaliha qed ssir referenza u ghalhekk jirrizulta li anke dan l-aggravju huwa nfondat u bla ebda fondament legali.

Fl-ahharnett jinghad li dan l-aggravju qatt ma tqajjem quddiem it-Tribunal u hawn kien l-ewwel darba li dan l-aggravju gie mqajjem minkejja l-fatt li jidher li c-Cirkulari 2/96 giet citata mill-Awtorita’ appellata, izda l-appellanti quddiem it-Tribunal jew Bord qatt ma kkontesta l-vires tal-istess. Tenut kont li din hija Qorti tat-Tieni Istanza dan huwa ta’ importanza massima u vitali wkoll, ghaliex jidher li l-appell li kien hemm quddiem l-ewwel l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u mbaghad quddiem it-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar kien wiehed ghall kollox differenti.

Illi ghalhekk l-appell tal-appellanti qed jigi michud.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta’ u tiddeciedi, billi filwaqt li tilqa’ r-risposta tal-Awtorita’ ta’ l-Ippjanar datata 29 ta’ Frar 2012 biss inkwantu hija kompatibbli ma’ dak hawn deciz, **tichad l-appell interpost mill-appellanti** fir-rikors taghhom tas-6 ta’ Dicembru 2011 stante li huwa nfondat fid-dritt ghar-ragunijet hawn decizi u ghalhekk din il-Qorti qed tikkonferma d-decizjoni appellata tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tad-29 ta’ Novembru 2011 fl-ismijiet “Francis Bonnici vs l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar” (Appell Numru 36/07 – PA 4247/05).

Bl-ispejjez kollha kontra l-istess appellanti.

**Moqrija.**

**Onor. Mhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**29 ta’ Novembru 2012**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**29 ta’ Novembru 2012**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------